MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Numru. 1225/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Concetta Charles**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Concetta Charles ta' 47 sena, mart Dennis, bint Serafino Farrugia u Maria nee' Busuttil, imwielda Safi fil-21 ta' Dicembru 1958, residenti fl-indirizz 4, St. Rita, Triq Gwann Zammit Safi u detentrici tal-karta tal-identita' numru 811758(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fl-24 ta' Awwissu 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel f' dawn il-Gzejjer appropjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew

ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm3000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilha minn Lawrence u Maria Concetta Grima taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta’ Gunju 2009 (esebita a fol. 55 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 293, 294, 310 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2009, l-imputata ddikjarat li hija m’ ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali prezentata mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza naqset milli tiprezenta in-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghha entro t-terminu lilha prefiss u dan anki wara li l-istess terminu gie estiz.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputata permezz ta’ skrittura privata datata 19 ta’ Gunju 2002[1] redatta minn u ffirmata quddiem in-Nutar Dr. Joseph Debono[2] dahlet fi ftehim mal-parti civili il-konjugi Lawrence u Maria Concetta Grima li ggib Malta tifla ta’ mhux aktar minn sentejn mill-Pakistan sabiex din tigi addottata mil-konjugi Grima. F’din l-iskrittura l-imputata ddikjarat li kienet f’posizzjoni li ggib din it-tarbija Malta u ghal dan l-iskop il-konjugi Grima hallsu lill-imputata s-somma ta’ Lm3,000 u giet rilaxxjata d-debita ricevuta mil-imputata. Rigward is-somma li l-imputata rceviet hija

[1] Kopja taghha tinsab inserita a fol. 32 tal-atti processwali.
[2] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2009.

ddikjarat fl-istqarrija li tali ammont kien mehtieg ghall-ispejjes ta medicinali u manteniment tat-tarbija waqt li din tkun fin-New United Christian Foundation Home fil-Pakistan kif ukoll sabiex jithallsu spejjes legali u amministrattivi nvoluti fil-process tal-adozzjoni fil-Pakistan. Dejjem permezz tal-imsemmija skrittura l-imputata obbligat ruhha li tirrifondi din is-somma lill-konjugi Grima jekk kemm il-darba ghal xi raguni l-adozzjoni ma ssehx u hija ma tkunx tista’ ggib it-tarbija u dan fiz-zmien xahrejn minn meta tkun innotifikathom bil-miktub f’dan is-sens. L-imputata obbligat ruhha wkoll li tirrifondi s-somma mhallsa lilha entro l-istess perijodu ta’ zmien *“should she not deliver the child as agreed or should there be a reason out of her control that renders her unable to bring the child*”. Fl-imsemmija skrittura hemm indikat li tali skrittura kienet valida ghal sena. Mill-provi rrizulta (ara xhieda tal-konjugi Grima f’dan is-sens[3]) li l-imputata la gabet it-tarbija Malta u l-anqas irrifondiet il-flus lill-konjugi Grima.

Ikkunsidrat:

Illi fis-16 ta’ Ottubru 2006 l-imputata irrilaxxjat stqarrija[4] lil Pulizija fejn hija kkonfermat li kienet irceviet is-somma ta’ Lm3,000 minghand il-konjugi Grima sabiex din is-somma tigi utilizzata sabiex tingab tarbija Malta ghal skopijiet ta’ adozzjoni mill-istess konjugi Grima, hija kkonfermat ukoll li tali tarbija fil-fatt ma kinitx ingabet Malta u li hija ma kinitx irrifondiet lura l-flus lill-konjugi Grima. Hija qalet li ma tatx il-flus lura lill-konjugi Grima minhabba problemi ta’ dewmien li nqalghu minhabba xi allegazzjonijiet li saru kontriha bhala konsegwenza ta’ liema l-flus gew ‘blokkjati. Hija qalet ukoll li kienet lahqet ftehim verbali mal-konjugi Grima li tirrifondi s-somma f‘pagamenti mensili u rateali izda hallset biss pagament wiehed ta’ Lm50 ghaliex fi kliemha *’waqaft u ma bqajtx intijomlu ghaliex hu u ohrajn bhalu minflok issupportjawni komplew ghafsuni ghall-flus u qalawli aktar problemi”.* Hija tghid ukoll li kienet wegghat f’incident u ‘*ma stajtx inkompli nghin sabiex nirrendu aktar qliegh sabiex inkun nista’ nhallas’*. Hija qalet ukoll li t-

[3] Li xehdu waqt l-udjenza tat-23 ta\ April 2009.
[4] Inserita a fol. 27 u 28 tal-atti processwali.

Lm3000 li ghaddewlha l-konjugi Grima kienet baghtithom tramite l-HSBC jew il-Bank of Valletta lil Cynthia Sadia il-Pakistan li kienet il-persuna li tiehu hsieb il-finanzi fl-2002 u 2003 u spjegat li dawn il-flus ma kienux mitlufa u li meta s-servizz ta' adozzjoni jinghata lil haddiehor hija tkun f'posizzjoni li tirrifondi l-flus lura lill-konjugi Grima.

L-imputata ghazlet li tixhed fil-proceduri odjerni[5] fejn prezentat sensiela ta' fotokopji ta' dokumenti mhux awtentikati u liema dokumenti ma gewx konfermati bil-gurament minn min irrilaxjahom u ghalhekk m'humiex ammissibbli bhala prova. Fost dawn id-dokumenti hemm fotokopja ta' payment advice datat 7 ta' Frar 2003[6] li bl-ebda mod ma jindika li l-flus mghoddija mill-konjugi Grima lill-imputata gew trasferiti l-Pakistan ghal skopijiet ta' adozzjoni. Fi kwalunkwe kaz kif issollevat ben tajjeb il-Prosekuzzjoni dan id-dokument qatt ma gie awtentikat jew ikkonfermat minn rapprezentant tal-Bank u ghalhekk ma jikkostitwiex prova ammissibbli. Fix-xhieda taghha l-imputata taghti rendikont ghall-ahhar konfuz u inkomprensibbli dwar il-problemi li nqalghu lil Fondazzjoni United Christian Foundation fil-Pakistan izda bl-ebda mod ma tispjega kif dawn il-problemi kienu konnessi mal-adozzjoni li kellha ssir mill-konjugi Grima.

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni l-imputata tinsab addebitata bl-imputazzjoni ta' approprijazzjoni indebita kontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. L-elementi essenzjali tar-reat ta' approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew indikati bhala s-segwenti mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza tad-**9 ta Gunju 1998** fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Enrico Petroni et** fejn inghad li dan ir-reat isehh meta wiehed:-

1. jircievi flus jew xi haga minghand xi hadd;

[5] Traskrizzjoni tax-xhieda relativa inserita a fol. 57 sa 62 u a fol. 101 sa 102.
[6] A fol. 117.

2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;

3. u minflok ma jaghmel hekk, idawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor. [vide wkoll **Il-Pulizija v Alfred Grima et *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju 1998***].

Illi sabiex jissussisti dan ir-reat ghalhekk irid ikun hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta' l-misapproprjazzjoni ta' oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Effettivament il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor. Huwa necessarju ukoll illi jissussisti d-"dolo", jigifieri l-konsapevolezza illi qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-proprjetarju tal-oggett jew tal-flus in kwistjoni. Finalment, jehtieg ukoll illi l-persuna tkun agixxiet sabiex tipprokura ghaliha innifsha jew ghal haddiehor profitt ingust.

Illi dwar il-profitt l-**Antolisei** ("**Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331**) jghid :

*Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che l' agente abbia conseguito un profitto perche' dalla formola dell'articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta' si deve dirigere. Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.*

Dan ifisser illi anke jekk effettivament is-suggett ma jottjeni l-ebda profitt ghalih, il-fatt illi l-intenzjoni tieghu kienet li jottjeni tali profitt huwa sufficjenti sabiex jissusisti r-reat ta' misappropjazzjoni.

Illi ghalhekk l-awtur tar-reat in dizamina irid ikollu l-intenzjoni specifika li l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi mdawwar minnu bi

profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-propjetarju tal-istess oggett. Illi kif jispjega l-awtur **Francesco Antolisei "***La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)**[7]

Illi f'sentenza ohra deciza mill-**Qorti ta'l-Appelli Kriminali** fl-ismijiet Il-**Pulizija vs John Gauci** deciza fl-**14 ta' Frar 1997**, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

"*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-**Qorti ta'l-Appell**

[7] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

**Kriminali** fit-**23 ta' Dicembru 2003** fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista **Luigi Maino** fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi minn din l-esposizzjoni legali tal-elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat ta misapproprijazzjoni kif applikati ghall-fattispeci tal-kaz odjern wiehed jista' jikkonkludi li mill-provi certament jirrizulta li l-kwerelanti fdaw u kkonsenjaw lill-imputata b'mod legittimu u ghal skop specifiku s-somma ta' Lm3,000 u dan taht titolu li johrog car hafna mill-iskrittura tad-19 ta' Gunju 2002. Irrizulta wkoll li dawn il-flus inghataw lill-imputata bl-obbligu specifiku li jintuzaw ghall-ispejjes sabiex tingieb tarbija mil-
Pakistan ghal skopijiet ta' adozzjoni u bl-obbligu tar-radd lura tal-flus jekk is-servizz li l-imputata obbligat ruhha li tippresta ma javverax ruhu. Irrizulta wkoll li l-imputata la prestat dan is-servizz u l-anqas raddet lura l-flus lilha mghoddija ghal uzu specifiku u rrizulta inoltre li hija dawret dawn il-flus bi profitt ghaliha ghaliex hija kkonvertiethom fi propjeta' taghha. Mill-provi u senjatament mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fil-fatt jirrizulta li hija nonostante li kienet ben konxja li ma setghatx iggib it-tarbija Malta zammet il-flus lilha mghoddija mill-konjugi Grima sabiex tkun tista' tiprocedi b'adozzjoni ohra u sabiex tirrisolvi l-problemi li tallega li kellha fil-Pakistan. Dan ma kienx l-iskop li gew mghoddija lilha l-flus mill-konjugi Grima u hija kienet taf ben tajjeb li kellha l-obbligu li trodd lura l-flus lil konjugi Grima jekk ma setghatx iggib it-tarbija Malta izda minflok hija kkonvertiet dawn il-flus fi propjeta' taghha billi uzathom ghal affarijiet ohra, u cioe' sabiex tirrisolvi l-problemi li kellha fil-Pakistan u sabiex tipprova tirrendi qliegh sabiex tkun tista' thallas u sabiex tipprocedi bl-adozzjonijiet ghal koppji ohra.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' approprijazzjoni indebita stante li mil-provi rrizulta li l-imputata rceviet il-flus minghand il-konjugi Grima bl-obbligu specifiku li tutilizza dawn il-flus ghall-ispejjes konnessi mal-adozzjoni tat-tarbija mill-Pakistan u bl-obbligu li trodd lura dawn il-flus jekk dan ma javverax ruhu u li minflok ma ghamlet hekk hija utilizzat dawn il-flus bi profitt ghaliha billi dawrithom fi propjeta' taghha u utilizzathom sabiex tirrisolvi problemi ohra li kellha meta kienet taf ben tajjeb li hija inghatat il-flus mill-konjugi Grima ghall-uzu specifikat u bl-obbligu li

trodd lura l-flus jekk tali uzu ma setghax javvera ruhu. L-imputata sejra ghalhekk tinstab hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal finijiet ta piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha tigi mposta piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-26 ta' Gunju 2009 u senjatament l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha tmintax (18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum thallas lil konjugi Lawrence u Maria Concetta Grima l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' elfejn, disa' mija u hamsin Lira Maltin (Lm2950).

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------